# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba’ Leġislatura

**Laqgħa numru 24**

**26 ta’ April 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa’ fis-Sala tal-Komunita’ li tinsab fi Triq Ta’ Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 24.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 23 li nżammet fis-27ta' Marzu 2018.

### 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

24.3.1 Tlesta t-tqegħid tal-madum Goccia *paving blocks* ta' dawk l-erbgħin metru fi Triq John Gaspard Le Merchant kif ukoll sar ix-xogħol li kien qabel miegħu l-kunsill, fejn sar il-paving blocks fejn kien hemm is-siġar tal-Yokka, fil-bidu ta' Triq Alessandro Franchi

24.3.2 Fuq talba tal-Viċi Sindku tranġat il-bankina ta' Joseph Camilleri ta' Triq Monsinjur Mikeal Buttiġieg mill-istess bajjad.

24.3.3 Il-katusa li kienet ppjanata li ssir fi Triq John Gaspard le Merchant għal Triq Santa Dminka ma twaħħlitx minħabba li ma sibnix nixtru *elbow*. Meta nsibu nkunu nistgħu nixtru u nwaħħluha.

24.3.4 Il-bankina taz-Zebra Crossing minkejja li saret skont il-Pjanta tal-Perit jidher li għandha naħa minnha li għadha għolja u għalhekk trid tittranġa. Il-Kunsilliera Micallef kif ukoll Mercieca irrimarkaw li l-kanni fejn jitpoġġew il-globi għandhom ikunu b'*arm*, hekk kif konna tkellemna u mhux dritti. Is-Segretarja nfurmathom li ser tiċċekja mas-*supplier* jekk jeżistux b'*angle*.

24.3.5 Hemm bżonn jinżebħu l-fanali ta' Triq il-Kappillan Ħili u tinxtara zebgħa kif issuġġerixxa l-Kunsillier Farruġia u għalhekk is-Sindku ppropona li nqabbdu lil Chris Gauci. Il-Kunsill qabel.

24.3.6 Is-Sindku semma li għandna nerġgħu niktbu lill-Onorevoli Parnis kif ukoll lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' ħaddiem tal-iskema biex isir ix-

xogħol fil-lokalita'. Dan għar-raġuni li ma nagħtajniex *replacement* minflok is-Sur Terry Attard li spiċċa minn mal-Kunsill fl-aħħar ta' Novembru.

24.3.7 Hemm bżonn jinxtara Sealer biex nagħmlu manutenzjoni lil *Paving* ta' Trejqet Bieb il-Għajn.

24.3.8 Is-Sindku fakkar sabiex ssir talba lill-Ministeru sabiex jinbidlu t-tabelli tat-traffiku li hemm fi Triq il-Għajn peress li ma għadhomx jidru. Diġa ressaqna dan l-ilment xhur ilu.

24.3.9 Is-Sindku qal li saret spezzjoni tal-pannelli flimkien mal-Inġinier Mario Galea fejn irriżulta li hemm tlett Pannelli tan-naħa tas-Sagristija li huma mkissrin b'daqqa ta' ġebla. Għalhekk l-Inġineer Maria Galea se jkun qed jipprepara rapport dettaljat biex ikunu jistgħu jinbidlu.

24.3.10 Hemm talba sabiex nitolbu l-Water Services Corporation sabiex isiru testijiet tal-ilma fl-għejjun.

24.3.11 Is-Sindku ressaq it-talba sabiex isiru s-sinjali sofor mal-propjeta 'Dar Peprina', Triq ta' Mulejja, Fontana.

24.3.12 Tneħħiet id-dgħajsa li kien hemm fuq il-bankina fi Triq l-Isptar San Ġiljan wara ntervent tal-Pulizija.

24.3.13 Is-Sindku ressaq it-talba ta' Ġeorġina Ċini ta' 100, Triq il-Għajn, fejn qed jitolbu sabiex issir kanna fuq il-bankina biex ma jintlaqtux il-balavastri. Is-Segretarja għandha tkellemhom biex naraw eżatt x'inhuma l-bżonnijiet.

24.3.14 Is-Sindku ppropona li jekk hemm qbil nordnaw żewġ bankijiet tal-injam li jsiru *'made to measure'* biex ikunu bħal dawk li saru fis-sena 2002 minn Andrew Vassallo għal tarf Triq John Gaspard le Merchant fejn sar ix-xogħol ġdid bil-madum Goccia.

24.3.15 Id-dwal taż-żebra crossing li hemm fi Triq il-Għajn quddiem il-knisja sarilhom id-dwal jixgħel u jitfi, kif ukoll twaħħal il-*bin* ta' fejn il-knisja filwaqt li dak li kien hemm twaħħal fi Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsillier Mercieca rrimarka li d-dwal ma ġewx sew għaliex ipetptu bħad-dwal tal-Milied meta suppost jaqleb bilmod. Is-Segretarja ħadet nota sabiex tkellem lil Chris Gauci.

24.3.16 Semma wkoll li hawn tabella *SLOW* li tinsab fil-bidu nett ta' Triq il-Kappillan Ħili li għandha bżonn tinbidel.

24.3.17 Hemm bżonn tiswija tal-kurduna tal-bankina fi Triq il-Kappillan Ħili, l-aktar in-naħa ta' fejn jgħaddi t-traffiku. Il-membri qablu li għandna nqabbdu lil T. J. Muscat sabiex isir dan ix-xogħol.

24.3.18 Tneħħiet *loading/unloading* li kien hemm quddiem il-garaxx ta' Pawlu Galea fi Triq il-Kappillan Ħili. Dan għaliex ma kienx baqagħlu bżonnha.

24.3.19 Is-Sindku semma li hemm tlieta u għoxrin (23) persuna li bbukjaw għal ħarġa ta' Malta fejn se nżuru l-Wirja Agrikola fil-Buskett organizzata mill-Kunsill ta' Ħad Dingli u l-Bajja ta' Marsaxlokk. Il-Ħarġa għal festa l-Kbira f'Malta kienet suċċess ukoll, fejn attendew tletin (30), fosthom is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef. Is-Sindku ppropona ħarġa oħra għat-3 ta' Ġunju. L-Kunsill qabel.

24.3.20 Inxtraw tlett *pots* kbar sabiex jitpoġġew minflok il-Palm li nqata minħabba mard.

24.3.21 Għall-okkażjoni tal-Pontifikal Solenni fis-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesu' fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu u ż-żjara tal-Arċisqof Mons Alfred Xuereb, attendew is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farruġia.

24.3.22 Is-Sindku informa l-membri li ingħata kopja tad-diskors tal-*feature* li ġie mħejji minn Dun Rużar Borġ u hemm bżonn li jinbidel xi kliem kif ukoll li jiżdid li l-kunsill għoxrin sena ilu għamel il-monument tas-sajjieda. Dan għar-raġun li din is-sena qed jiġi mfakkar l-125sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali li s-sajjieda tant ħadmu għaliha.

24.3.23 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jitwaħħlu żewġ fanali li nxtraw xi snin ilu u ppropona li jeħlu fi Trejqet Grezzja Grima. Żid jgħid ukoll li hemm bżonn ninfurmaw lill-WSC sabiex jirranġaw xogħol ħażin li sar minnhom meta dawn wettqu xi xogħol fuq *printed concrete* fi Trejqet Bieb il-Għajn.

**24.4 L-attivita' sportiva 'Festa Tfal'.**

24.4.1 Ġaladarba din l-attivita' ser tittella mill-Kunsill, il-membri qablu unanimament li din l-attivita' għandu jieħu ħsieba l-Kunsill. Is-Segretarja ppreżentat żewġ offerti miġbura dwar l-animazzjonijiet tat-tfal. Is-Sur Jeremy Vella nfurmana li ma hux se jkun jista jaqdina f'dak il-jum, filwaqt li l-kumpanija *Buzzy Kids* offrewlna żewġ offerti, dik ta' €230 u oħra ta' €260 li tkun tinkludi *Bouncing castle* bi *slide*. Il-membri qablu li għandna nordnaw l-offerta għall-prezz ta' €260.

Is-Sindku ppropona lis-Sinjura Marianne Zammit sabiex naraw tistax tippreżenta matul din l-attivita'. Is-Sinjura Zammit kienet ukoll ippreżentat is-serata ta'Jum il-Fontana u dan is-servizz ġentilment offritu mingħajr ebda ħlas. F'kas li ma

tkunx tista', ppropona li navviċinaw lis-Sur. Joe M. Attard. Il-membri qablu ma dan. Bħala mużika għall-okkażjoni kien hemm ukoll il-qbil li ngħidu lil Sur. Anġlu Micallef. Is-Segretarja se tkun qed tinforma lill-Kappillan dwar il-programm.

**24.5 Kuntratt tal-Wasteserv – Ġbir ta' Skart Organiku.**

Is-Segretarja ppreżentat l-Kuntratt għall-ġbir ta' skart organiku għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Wasteserv se tibda tirrifondi l-ħlas għall-ġbir ta' żewġ ġabriet ta' skart organiku u mhux ta' waħda. S-Sindku rrimarka li ma huwiex ġust li ilhom ma jħallsu lill-Kunsill minn Awwissu u għandna ninfurmawhom li jekk mhux ser nirċievu pagamenti se jittieħdu passi legali, kif ukoll l-anqas ħallsuna tal-Bins li xtrajna bil-voucher ta' €2000 li f'Marzu tas-sena l-oħra ingħatajna meta ġejna klassifikati fit-tieni post f'Għawdex fi ġbir ta' skart Organiku.

**24.6 Reġistrazzjoni għal Skema Cir AKL 2018/032 - WifiEU**

Is-Segretarja ppreżentat iċ-ċirkulari numru AKL201/04 għall-attenzjoni tal-membri sabiex tiġi kkunsidrata l-possibilta' ta' parteċipazzjoni f'din l-istess skema. Il-Kunsill qabel li ma nipparteċipawx minħabba li,

- fil-passat konna diġa tlabna li jsiru points ta' WIFI f'diversi postijiet u baqgħu ma sarux mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan wara li kienu talbu lill-Kunsill nidentifikawlhom fejn.
- din l-iskema se tkun qed tobbliga lill-Kunsill sabiex iħallas l-ispejjeż relatati ma konnessjoni ta' internet u manutenzjoni. Barra minnhekk illum kważi kulħadd għandu mobile.

**24.7 Talba sabiex tingħalaq Triq ix-Xlendi fis-6 ta' Lulju bejn id-9.00 – 10.30pm**

Is-Segretarja ppreżentat it-talba li rċivejna mingħand is-Sur Christian Tabone sabiex tingħalaq triq ix-Xlendi nhar is-6 ta' Lulju. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan pero' s-Sindku rrimarka li s-sena l-oħra fil-konfini tagħna nħarqu tlett ħarrubiet fl-inħawi tas-Saqwi fejn nagħtu n-nar lil ħaxix il-ħażin qabel sari l-ħruq tal-logħob tan-nar. Għalhekk ikun tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni sabiex dan ma jerġax jiġri.

**24.8 Sejħa u ħruġ ta' Offerti**

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li nżammet laqgħa mal-Perit u mal-Kuntrattur George J Zahra fil-preżenza tas-Sindku, l-Kunsillier Micallef u s-Segretarja. Dan

sabiex jitfassal pjan għal dan ix-xogħol. Ġie nnotat li kien hemm *sample* nieqes, qed nirreferu għal kubetti l-griżi. Wara din il-laqgħa l-Kuntrattur nforma lis-Segretarja li ma għadux interessat fl-offerta u li ddeċieda li ma jaċċettax l-offerta. Għalhekk, irrifjuta din l-offerta fuq l-etenders kif ukoll ppreżenta ittra bil-miktub fejn informa lill-Kunsill bl-għażla tiegħu. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, s-Segretarja ħadet il-parir tad-Dipartiment u ġejna nfurmati li l-Kunsill jista jimxi għat-tieni offerta li hija *compliant* hekk kif ġie ppreżentat fir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni. Għalhekk il-Kunsill approva li din l-offerta għandha tingħata lill-Kuntrattur li kellu t-tieni l-aħjar offerta.

War li ġiet diskussa l-offerta għal ġbir tal-iskart, u peress li bħalissa għad ma hemmx preparamenti biex jibda jinġabar mir-reġjun, l-kunsill qabel li s-sejħa għall-offerta ta' ġbir ta' skart għandna tkun għal sena bil-possibilta' li tiġġedded kull sena sa massimu ta' erbgħa snin.

L-Inġinier Galea qed jipprepara l-*ispecifications* sabiex nkunu nistgħu noħorġu wkoll is-sejħa ta' offerti għall-fanali li se jsiru f'bosta toroq tal-Fontana. Kien hemm qbil li dawn il-fanali jsiru simili bħal dawk li hemm fejn Pjazza Savina, r-Rabat Għawdex. Is-Sindku semma li l-fondi tal-UIF mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-ispiża kollha u għalhekk il-Kunsill se jkun qed jalloka żieda tal-flus mill-budget. Żid jgħid ukoll li infetħet skema tal-Awtorita' tal-Ippjanar taħt l-UIF fejn se jagħtu €50,000 sabiex jintużaw għal *green initiatives*.

Il-Perit Saliba se jkun qed jibgħat ukoll l-*specifications* tal-ħajt tax-Xlendi sabiex inkunu nistgħu mmexxu b'din l-offerta. Il-membri qablu ma dan.

Ħarġet ukoll is-sejħa għat-tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kappillan Ġużepp Ħili u l-oħra għal tlettax il-fanal dekorattiv għat-triq John Gaspard le Merchant u Triq Alessandro Franchi.

**24.9 Monument ta' tifkira għall-Vittmi tal-logħob tan-nar tal-Fontana.**

Is-Sindku ppreżenta disinn li pprepara s-Sur Scerri li turi Statwa sabiħa tal-Qalb ta' Ġesu toffri qalbu lill-Vittmi u lin-nies tal-Fontana. Il-qisien tal-istatwa u tal-pedestal flimkien huma ta' 2metri u dan il-Monument jeħel fuq il-Porfido l-ġdid. L-kwotazzjoni hija ta' ħamest elef ewro plus VAT għall-Istatwa fil-bronż li ser tinħasel mis-Sur Chetcuti f'Malta, u tlett elef u tmien mija jkopru x-xogħol ta' disinn u l-mudell u sorveljanza tat-tqegħid tal-monument mis-Sur Joseph Scerri. Irid ukoll isir il-pedestall tal-ġebla tal-qawwi mill-marmarista Raymond Bonello.

Il-Kunsillier Mercieca semma li fuq iz-zuntier it-tfal jilgħabu l-futboll u jista jkun il-kas li jolqtu r-raġġiera. Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk jistax isir xi simbolu tal-logħob tan-nar. Il-membri qablu li nimxu mad-disinn ippreżentat.

Kien hemm qbil unanimu sabiex isir dan il-monument u nippruvaw li jitlesta sa Jum il-Fontana 2018 f'għeluq il-25 sena tal-Kunsill Lokali.

**24.10 Nominazzjoni għal Deputat Segretarju Eżekuttiv u Ħatra tal-Bord għal Vakanża ta' Segretarju Eżekuttiv.**

Is-Sindku semma li avviċina lis-Segretarju tar-Reġjun, is-Sur George Refalo u jidher li ser jaċċetta. Is-Sindku nforma lill-membri li avviċina wkoll lis-Sur Ivan Attard li kien agent segretarju iżda dan ma aċċettax. Dan ġie avviċinat peress li fil-festa ta' Sant Andrija li għaddiet kien offra l-għajnuna tiegħu lis-Sindku.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda li se tgħaddi f'idejn il-bord tal-għażla. Il-membri qablu li l-bord tal-għażla għandu jkun iffurmat mis-Sindku, mill-Kunsillier Horace Micallef u minn l-Avukat Dr. Joseph Attard. Dan il-bord għandu jiltaqgħa il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2018.

**24.11 *Audited Financial Statements***

Is-Segretarja ppreżentat l-*Audited Financial Statements* u dawn ġew approvati mill-membri.

**24.12 Items ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġ.**

24.12.1 DLG infurmana dwar emenda ta' *Regulation* numru 15.1 u 17 hekk kif ġie approvat mill-Ministru. Dan dwar il-proċess ta' bordijiet ta' Aġġudikazzjoni. Kopja ta' din ic-Ċirkulari ġiet ippreżentata kif ukoll mibgħuta lill-membri kollha.

24.12.2 Laqgħa li nżammet fit-28ta' April fil-Kulleġġ ta' Għawdex – *Ask you MEP.*

24.12.3 Ir-raba' sejħa għall-proġetti proposti taħt l-Interreg Europe Programme li se jiftaħ fis-7 ta' Mejju 2018.

24.12.4 Is-Segretarja ppreżentat l-Applikazzjoni kif ukoll il-linji gwida ta' kif il-Kunsill jista japplika għal *National Enterprise Support Awards.*

24.12.5 *Waste Management on Earth Day* li nżammet f'diversi lokalitajiet f'Għawdex kif ukoll fil-lokalita' tal-Fontana.

24.12.6 Laqgħa tal-PA li nżammet fil-Kunsill tal-Għarb u li għalija attenda l-iskrivan.

24.12.7 Is-Segretarja ppreżentat ittra li rċevejna mingħand l-Avukat William Cuschieri f'isem Bella Claudia Nicoletta Cassar b'referenza għall-kontro-protest bin-numru 52/2017. F'din l-ittra l-Kunsill ġie mitlub jipprovdi kopja tal-permessi tal-*bollards* li hemm referenza għalihom fl-istess kontro-protest.

24.12.8 Is-Segretarja ppreżentat l-ittra ta' riżenja tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett mit-3 ta' April 2018.

24.12.9 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Inġinier Jeffrey Muscat ma aċċettax li jkun membru tal-bord ta' evalwazzjoni u ssuġġeriet lill-Inġinier Mario Cauchi. Il-membri qablu ma dan.

24.12.10 Ġew ppreżentati l-PA notices bin-numri PA/00782/18, PA/03085/17, PA/01820/18, PA/01820/18, PA/00782/18, PA/07815/17, PA/07815/17, PA/09540/17, PA/09540/17.

24.12.11 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li flimkien mas-Sindku attendejna għas-seduta tal-Qorti ta' Jimmy Saliba u s-sentenza hija diferita għas-26ta' Ġunju 2018.

24.12.12 Ġiet ippreżentata stima mingħand Refalo Signs għal *Information Board* b'mappa tal-lokalita'. L-istima hi ta' € 2377.70.

24.12.13 Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li minkejja li ikkomunikat ma diversi aġenziji tal-ivvjaġġar, ħadd ma bagħat lura. Is-Sindku ssuġġerixxa li nkellmu wkoll lil Mario Spiteri sabiex naraw x'program jista joffrilna għall-ħarġa ta' Sqallija. Il-membri qablu.

24.12.14 Hekk kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, is-Segretarja kitbet ittra lit-Direttur tal-Gvern Lokali fejn ressqet għall-attenzjoni tiegħu korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-Assistent Direttur is-Sur Silvio Frendo datata 6 ta' Ottubru 2016 li qed tiġi hawn annessa bħala Dokument A. Dan minħabba li l-Kunsill ma tħallix jipproċedi bil-ħruġ ta' offerta għal xogħol ta' *Resurfacing* ta' Triq il-Għajn.

Mill-Viċi Sindku Victor Ċefai

Il-Viċi Sindku ressaq is-suġġeriment sabiex tinżabar is-siġra tal-buganvilla li tinsab fi Triq il-Għajn qabel in-niżla lejn Pjazza l-Għejjun, minħabba li se tkun il-kaġun li twassal għal xi inċident. Peress li Triq il-Għajn taqgħa fil-kompetenża tal-Ministeru Għal Għawdex, is-Segretarja ħadet nota sabiex tressaq din it-talba.

**24.13 Ilmenti**

Talba mingħand is-Sur Carmel Cordina sabiex isir *Communal Disabled Parking* Quddiem propjeta numru 25, Triq il-Kappillan Ħili. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu t-talba lil Transport Malta.

Talba mingħand is-Sinjura Josephine Galea sabiex tissewwa bankina mkissra ta' quddiem propjeta bin-numru 75, Triq il-Kappillan Ħili. Is-Sindku ħa nota u se jibgħat lill-ħaddiem tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq it-talba sabiex isiru s-sinjali sofor mal-garaxx tal-propjeta' bl-isem Dar Peprina, Triq ta' Mulejja, Fontana. Il-Membri qablu li jsiru.

Talba mingħand is-Sur Buttigieg sabiex issir kaxxa *loading u unloading* quddiem il-garaxx kummerċjali tiegħu li jinsab fi Triq l-Isptar San Ġiljan Fontana. Il-Kunsillier Micallef irrimarka li TM ma joħroġx permess peress li ma humiex *White goods.*

Tressqet it-talba tas-Sinjura Spiteri sabiex issir kanna tal-ħadid fejn għandha d-*double yellow line* peress li n-nies xorta waħda qed jipparkjaw. Kien hemm qbil li għandna nitkellmu mas-Sinjura Spiteri ħalli nifhmu sewwa t-talba tagħha.

**24.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**24.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7.30p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2018 fil-5.00p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg** | **Heidi Grech**
**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**